MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 35/2008/1

**Mark Lombardo u John Zammit bhala editur tal-gazzetta 'In-Nazzjon Taghna'**

**v.**

**Kunsill Lokali Fgura u r-Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti Mark Lombardo u John Zammit quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2008 li jaqra hekk:

"Illi r-rikorrent Lombardo huwa kunsillier fil-Kunsill Lokali Fgura, filwaqt illi John Zammit kien l-editur tal-gurnal 'In-Nazzjon Taghna', gurnal tal-Partit Nazzjonalista;

"Illi fix-xhur tas-sajf tas-sena 2001, kien hemm kwistjoni dwar progett fi Triq Hompesch, Fgura u l-Kunsilliera eletti ghan-nom tal-Partit Laburista, li dak iz-zmien kienu f'maggoranza fil-Kunsill Lokali Fgura, ma kienux qed jaqblu fuq din il-kwistjoni mal-Kunsilliera eletti ghan-nom tal-Partit Nazzjonalista. Din il-kwistjoni sabet ruhha bhala kwistjoni topika ta' prominenza fil-*media*;

"Illi b'risposta ghall-ittra precedenti ta' Anthony DeGiovanni liema ittra kienet dehret fl-istess gurnal nhar il-5 ta' Awwissu 2001 (liema ittra kienet ukoll risposta ghall-ittra ohra precedenti li kien kiteb il-kunsillier rikorrent nhar is-7 ta' Awwissu 2001), il-kunsillier rikorrent ippublika ittra lill-editur fil-gurnal in kwistjoni fit-23 ta' Awwissu 2001, intitolata "ix-xoghol fi Triq Hompesch il-Fgura" fejn fost affarijiet ohra r-rikorrent qal:

"….is-sur Degiovanni … ikun biss qed iqarraq u jipprova jinganna lill-poplu tal-Fgura" (fl-ewwel paragrafu tal-ittra) u "….. ghal darba ohra s-Sindku qed iqarraq…." (fir-raba' paragrafu tal-ittra).

"Illi l-Kunsill Lokali Fgura pproceda b'kawza ta' libell kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li b'sentenza tal-25 ta' April 2007 sabet din il-pubblikazzjoni libelluza u malafamanti fil-konfront tal-Kunsill Lokali Fgura u kkundannat lill-kunsillier rikorrent ihallas danni fis-somma ta' Lm2,500 ekwivalenti ghal hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin Ewrocentezmi (€5,823.43), u r-rikorrent editur John Zammit ihallas danni fis-somma ta' Lm500 ekwivalenti ghal elf, mija erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin Ewrocentezmi (€1,164.69). Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza u b'sentenza ta' 28 ta' Marzu 2008, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kkonfermat dik il-parti tas-sentenza fejn sabet li l-pubblikazzjoni kienet libelluza u malafamanti izda riformat is-sentenza fil-*quantum* ta' danni billi rriduciet dawn id-danni minn Lm3,000 (ekwivalenti ghal €6,988.12) ghal

tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt Ewrocentezmi (€3,494.06);

“Illi l-esponenti jhossu illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hija kritika legittima ta’ Gvern Lokali permissibbli f’socjeta` demokratika u ghalhekk is-sanzjonijiet imposti fuqhom mill-imsemmija Qrati qed jilledulhom d-dritt fundamentali taghhom tal-liberta` ta’ espressjoni garantita lilhom mill-Kostituzzjoni ta’ Malta fl-Art. 41 u mill-Konvenzjoni Ewropeja fl-Art.10. Ittra ohra ppubblikata fl-istess polemika kontenenti kritika simili li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabu libelluza gew iddikjarati ksur tad-drittijiet fundamentali mill-*European Court of Human Rights* (ECHR) b’sentenza taghhom ‘Lombardo et v. Malta’ deciza fl-24 ta’ April 2007 (Application No. 7333/06). F’din is-sentenza, l-ECHR qalet: *“The Court considers that it is only in exceptional circumstances that a measure proscribing statements criticising the acts or omissions of an elected body such as a council can be justified with reference to the ‘protection of the rights and reputation of others’”* F’dan il-kaz partikolari, l-esponenti jissottomettu illi mkien fil-pubblikazzjoni ma wiehed isib kritika tal-Kunsill Lokali Fgura; il-kritika hija dwar l-atteggjament tas-Sindku! Skond il-Qorti tal-Appell, kritika tas-Sindku tekwivali ghall-kritika tal-Kunsill.

“Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi gvern, centrali jew lokali, ma jistax jistitwixxi kawza ta’ libell ghax dan imur kontra d-dritt fundamentali tal-konvenut. Fid-dinja ta’ llum, il-*media* mhux biss ghandha d-dritt izda ghandha l-obbligu li tixpruna l-amministrazzjoni pubblika dwar dak li, fil-lenti soggettiva taghha, jidhrilha illi mhux qed isir sewwa; fid-dinja demokratika, fejn il-*media* tissejjah il-*public watchdog*, hija protetta mid-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni tal-pajjiz jew mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew mit-tnejn; fil-parti l-ohra tad-dinja, fejn jirrenja d-dittatorjat, il-membri tal-*media* li jaghmlu l-istess kritika, jigu karcerati jew maqtula. Bis-sentenzi suriferita, Malta tinsab fin-nofs ta’ dawn iz-zewg toroq, billi l-*media* tigi penalizzata pekunjarament. F’sentenza tal-*House of Lords* (*Derbyshire County*

*Council v. Times Newspapers Ltd and others*, - 1993/2/W.L.R. 449) qabel ma ddecidiet illi *"a public authority cannot bring a libel action, because to allow it that capacity would inhibit freedom of political speech"* qalet *"While in the early history of the struggle of freedom of speech the restrictions were enforced by criminal prosecutions, it is clear that a civil action is as great, if not greater, restriction than a criminal prosecution. If the right to criticise the government is a privilege which, with the exceptions above enumerated, cannot be restricted, then all civil as well as criminal actions are forbidden. A despotic or corrupt government can more easily stifle opposition by a series of civil actions than by criminal prosecutions*." Fil-korrispondenza bejn is-Sindku u l-Kunsillier esponenti, gew pprezentati erba' libelli civili mill-Kunsill Lokali Fgura; minn dawn l-erba' kawzi civili ta' libell, tnejn gew michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), it-tielet wahda li ntrebhet mill-Kunsill attur giet iddikjarata ksur tad-drittijiet fundamentali mill-ECHR u din prezenti hija l-istraxxiku tar-raba' kawza.

"Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha

"(1) prevja li tiddikjara li bis-sentenzi fuq citati fil-konfront taghhom u b'mod partikolari bil-kundanna li jhallsu danni lill-Kunsill Lokali Fgura, gie ivvjolat id-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni u dan bi vjolazzjoni tal-precitati Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (l-Ewwel skeda tal-Kap. 319) u Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u

"(2) taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi."

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali tal-Fgura tal-14 ta' Lulju 2008 li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi l-bazi tat-talba tar-rikorrenti hija sabiex il-Kunsill Lokali Fgura tigi lilha **mcahhda** d-dritt li taghmel azzjoni ghal danni ai finijiet tal-ligi tal-Libelli – b'hekk ukoll jigu mcahhda l-istess dritt lil kunsilli lokali kollha ta' Malta u enti u korpi kostitwiti simili.

"2. Illi bir-rispett kollu dovut lejn ir-rikorrenti, qed tinghata nterpretazzjoni ghal kollox inkorretta kemm ghall-ligi applikabbli kif ukoll, u primarjament, ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-24 ta' April 2007 (Application No. 7333/6) Lombardo et v. Malta.

"3. Ir-rikorrenti odjerni qed jissottomettu li gvern, centrali jew lokali ma jistax jistitwixxi kawza ta' libell ghax dan imur kontra d-dritt fundamentali taghhom. Bir-rispett kollu l-argument ghandu jkun proprju l-invers, ossia li jekk Kunsill Lokali ma jkunx jista' jistitwixxi kawzi ta' libelli allura tkun il-Kunsill Lokali li tkun qed tigi mcahhda mid-dritt taghha ta' espressjoni!

"4. Ir-rikorrenti odjerna jaghmlu referenza ghas-sentenza gia` citata ta' Lombardo et v. Malta (ECHR) 7333/6) izda jrid jinghad li din is-sentenza taghti proprju **ragun** lill-esponenti u mhux lir-rikorrenti. Infatti mkien ma hemm dikjarat li Kunsill Lokali m'ghandhux dritt li jaghmel azzjoni ghal libelli, pjuttost l-oppost *"The court considers that it is only in exceptional circumstances that a measure criticising the acts or omissions of an elected body such as a council can be justified with reference to the 'protection of the rights and reputation of* others'". Din effettivament tfisser li f'kull kaz il-fatti jridu jigu nterpretati b'aktar restrizzjoni milli forsi f'libelli ohra. Ifisser li dak li jista' jkun libelluz fil-konfront ta' persuna ordinarja mhux necessarjament huwa libelluz fil-konfront tal-Kunsill Lokali.

"5. Kap. 248, il-ligi tal-Istampa titkellem fl-Artikolu 2 dwar 'persuni' li tinkludi '*korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le'*. Certament dan ifisser li persuna guridika ghandha dritt tipprocedi taht il-ligi tal-Istampa, dritt sancit bil-ligi. Dan huwa enfasizzat fl-Artikolu 4 (d) tal-Kap. 249 l-Att dwar l-Interpretazzjoni *"F'dan l-Att u kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu ta' dan l-Att, kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju … (d) l-espressjoni 'persuna' tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le"*.

“6. L-Artikolu 3 (2) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) “Il-Kunsill huwa korp statutorju ta’ Gvern Lokali b’personalita` legali distinta bis-setgha li jaghmel kuntratti li jharrek u jkun imharrek …”

“7. Ir-riferenza li saret mir-rikorrenti ghas-sentenza tal-*House of Lords* (Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd and other – 1993/2/W.L.R. 449) hija, bir-rispett kollu, inapplikabbli ghal kaz li ghandna quddiemna – is-sentenza citata tal-ECHR hija cara kristall – ossia li Kunsill Lokali ghandu d-dritt li jhares l-unur, ir-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu. Irid jizdied jinghad ukoll li din is-sentenza segwiet l-*iter* shih mill-Qrati taghna sal-Qorti Ewropeja.

“8. L-esponenti hawn jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-30 ta’ Mejju 1953 fl-Appell Kriminali Thomas W. Hedley pro et noe v. Emanuel C. Tabone M L A et jinghad bl-aktar mod car:

*““L-imhallef sedenti kellu gja` okkazjoni jikkunsidra dan il-punt fil-kawza Strickland v. Scorey, App. Krim. 17.10.49. u ddecieda fis-sens li ‘bodies having a corporate personality’ jistghu jagixxu ghal ingurja li toffendi l-‘collective reputation’ taghhom*.

*“L-imhallef sedenti wara li rrifletta fuq l-argumenti sottomessi, u wara li rrikunsidra l-kaz, ma jsib ebda raguni biex ivarja l-opinjoni minnu gja` espressa fis-sentenza citata: anzi jista’ jghid li, minn ricerka ulterjuri li hu ghamel sahhah din l-opinjoni, Il-Fraser fil-ktieb “The Law of Slander” 3rd edition, p. 79 ighid hekk “The law of libel is one and the same as to all plaintiffs. In every action of libel whether the statement is, or is not, a libel depends on the same question, viz. Whether the jury are of opinions that what has been published with regard to the plaintiff would tend in the minds of people of ordinary sense to bring the plaintiff into contempt, hatred or ridicule, or to injure his character. The question is really the same, by whomsoever the action is brought, whether by a person, a firm, or a company” …’corporation’ jew ‘company’ … tista’*

*inter alia tagixxi jekk tigi milquta "in the method of conducting its affairs". Hekk ukoll fil-Halsbury, Hailsham Edit., Vol. 20 p 391, jinghad "but a company can mantain an action for a defamatory statement made of it in respect of its business" … ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li 'corporation' tista' tfittex ghal ingurja ghas-sens tal-kunsiderazzjonijiet premessi. "*

"9. B'dan kollu l-esponenti ma jridx jaghti x'jifhem li l-*media* m'ghandhiex "…id-dritt … anzi l-obbligu li tixpruna l-amministrazzjoni pubblika dwar dak li, fil-lenti soggettiva taghha, jidhrilha illi mhux qed isir sewwa", anzi dan huwa dritt sancit. Izda dan id-dritt m'ghandhux jigi abbuzat. Ma jfissirx li gurnal jista' jghid li jrid meta jrid u kif irid fuq Kunsill Lokali u mbaghad jinheba jghid, bir-rispett, li Kunsill m'ghandhux dritt jazzjona taht il-ligi tal-libell! Jekk f'dak li qed tallega l-*media* hemm *contempt, hatred or ridicule* l-Kunsill bhala tali ghandu d-dritt imexxi ghal libell. Din hija l-unika nterpretazzjoni tal-Ligi nostrana, ossia l-Ligi tal-Istampa u l-Ligi ta' Interpretazzjoni u konferma mis-sentenza tal-ECHR Lombardi v. Malta.

"10. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2009 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom;
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi b'dan ir-Rikors Kostituzzjonali r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li bis-sentenzi fuq citati fil-konfront taghhom u b'mod partikolari bil-kundanna li jhallsu danni lill-Kunsill Lokali Fgura, gie ivvjolat id-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni u dan bi vjolazzjoni tal-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (l-Ewwel skeda tal-Kap. 319) u Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u li taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi. Huma qed isostnu li l-pubblikazzjoni in kwistjoni hija kritika legittima ta' Gvern Lokali permissibbli f'socjeta` demokratika.

“**Sentenza Qorti tal-Magistrati**

“Illi l-Qorti tal-Magistrati b’sentenza taghha tal-25 ta’ April 2007 kienet laqghet it-talba tal-attur Sindku f’dik il-kawza u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, (ir-rikorrenti odjerni) u ddikjarat li l-artikolu li deher fil-harga tal-gazzetta “In-Nazzjon Taghna” nhar it-23 ta’ Awwissu 2001 imsejjah “Ix-xoghol fi Triq Hompesch il-Fgura” huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur u kkundannat lill-konvenut Mark Lombardo jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,500 bhala danni u lill-konvenut John Zammit ihallas s-somma ta’ Lm500.

“**Sentenza tal-Qorti tal-Appell**

“Il-konvenuti kienu appellaw minn dik is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata b’dan li cahdet l-ewwel tliet kapi ta’ aggravji, laqghet ir-raba’ aggravju, iddimezzat d-danni likwidati, u kkundannat lill-appellanti jhallsu komplessivament is-somma ta’ tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) in linea ta’ danni.

“**Rikors Kostituzzjonali**

“F’dan ir-Rikors Kostituzzjonali r-rikorrenti qed jikkontendu li d-dritt taghhom tal-liberta` ta’ espressjoni gie vjolat b’dawn is-sentenzi u regghu ressqu bhala bazi ghall azzjoni taghhom l-istess aggravji li kienu ressqu quddiem il-Qorti ta’ Magistrati u l-Qorti tal-Appell u cjoe` li:

“(1) Enti legali bhal ma hu l-Kunsill Lokali ma jistax jagixxi bhala attur f’kawza ta’ libell;

“(2) Malafama lis-Sindku ta’ Kunsill ma tammontax ghal malafama lill-istess Kunsill;

“(3) Ma saritx evalwazzjoni korretta tal-fatti ghal fini tal-koncett ta’ “*fair comment*”;

"Il-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha fuq riferita ddecidiet l-ewwel zewg aggravji b'dan il-mod:

"(1) Li enti legali bhal ma hu Kunsill Lokali jista' jagixxi bhala attur f'kawza ta' libel ghal malafama. Hi qalet hekk:

*""Il-Qorti ttendi biex tabbraccja l-veduta esposta minn din id-dottrina guridika, tant ghaliex, in virtu` tad-definizzjoni tal-ligi l-kelma "persuna" tikkomprendi anke enti guridika, tant ghaliex l-Artikolu 28 (1) tal-Att ma jipprovdix, b'xi limitazzjoni, illi ghat-tnissil tad-danni jrid ikollok dejjem u bilfors, sitwazzjoni li taffettwa n-negozju jew il-patrimonju ta' dik l-istess enti. Jibbasta li l-fatt lamentat li jaghti lok ghad-danni jippregudika l-immagini u l-kredibilita` tal-korp guridiku ("ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna")."*

"(2) Dwar it-tieni aggravju l-Qorti tal-Appell iddecidiet li:

*""Jirrizulta accertat illi l-ittra tal-konvenut Lombardo saret b'rejazzjoni ghall-ittra mibughta fl-istess gurnal mill-appellat Anthony Degiovanni fil-kariga tieghu ta' Sindku tal-Fgura. Il-Qorti mhix lesta li taccetta d-dikotomija propulsa mill-appellanti bejn il-persuna fizika tal-imsemmi Degiovanni u dik tal-kariga tieghu, qua rapprezentanti tal-Kunsill. Dan ghar-raguni ovvja illi l-attribuzzjoni ta' "qarrieqi" lancjata fil-konfront tieghu ma tistax, mill-istess kontenut tal-fatti esposti fl-ittra inkriminanti, tigi zvixxerata minn dik tal-imgieba tal-imsemmi appellat fil-qadi tad-doveri tieghu f'dak il-kwalita` rapprezentantiva tieghu. Isegwi illi l-appellat ma kellux ghalfejn iharrek fil-veste personali tieghu ghal kliem allegatament diffamatorji u inveritieri fil-konfront tieghu f'dik il-kariga. Jista' allura, jinghad illi l-Kunsill f'dan il-kaz kellu dak l-interess guridiku li jippromwovi l-azzjoni ghat-tutela gudizzjarja tieghu in kwantu l-interess tieghu kien wiehed sew definit, konkret u personali ghalih."*

"(3) Dwar it-tielet aggravju l-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet li bhala Qorti ta' revizjoni ma kellhiex

tiddisturba l-valutazzjoni tal-fatti rizervata lill-ewwel Qorti fil-mertu li kienet valutazzjoni sew skorretta minn motivazzjoni kongruwa u esawstiva, ezenti minn difetti logici. Il-Qorti tal-Magistrati kienet sabet li l-kliem lamentati kienu malafamanti fil-konfront tas-Sindku.

"Tikkunsidra

"Illi r-rikorrenti f'din il-kawza Kostituzzjonali regghu pproponew dawn l-istess  aggravji li gew gja` michuda kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-kawza ta' libell, izda din qed jerga' jipproponuhom bhala lment Kostituzzjonali billi qed jikkontendu li dawn id-decizjonijiet, b'mod partikolari bil-kundanna li jhallsu danni lill-Kunsill Lokali Fgura, gie vjolat id-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni u dan bi vjolazzjoni tal-precitati Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Huma jsostnu li l-kritika kienet wahda legittima fil-konfront ta' Gvern Lokali u permissibbli f'socjeta` demokratika.

"L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tipprovvdi li:

"(1) **Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti nformazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorità pubblika u** minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.

"(2) **L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet**, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, **restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjetà demokratika**, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, **ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor,** biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-

awtorità u l-imparzjalità tal-gudikatura. (*partijiet skuri b'emfazi tal-Qorti)"*

"Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-ilment taghhom f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali fuq dak li qed jirritjenu li gie deciz fil-kawza "Lombardo and Others v Malta Application 7333/06 deciza 24 ta' April 2007 mill-Qorti fi Strasbourg u l-kaz Ingliz Derbyshire County Council Appellant v. Times Newspapers Ltd. And Others Respondents. (kopji ezibiti a fol. 33 u 41 tal-process rispettivament).

"Dwar dak li jinghad fil-kawza Ingliza Derbyshire, cjoe` li *"(a central or local government) was not entitled to bring an action for libel"*, apparti r-ragunijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-Ligi Maltija tal-istampa li hi applikabbili, lanqas il-Qorti ta' Strasbourg ma kienet daqshekk kategorika li teskludi ghal kollox din it-tip ta' azzjoni lill-kunsill lokali bhal ma ghamlet il-Qorti Ingliza.

"Fil-kaz Lombardo and Others v. Malta, il-Qorti ta' Strasbourg fir-rigward tal-ewwel aggravju tar-rikorrent f'din il-kawza (li kien wkoll aggravju quddiem l-Qorti ta' Strasbourg) qalet hekk:

*"50. The Court considers that it is only in exceptional circumstances that a measure proscribing statements criticizing the acts or omissions of an elected body such as a council can be justified with reference to "the protection of the rights or reputations of others". In the instant case, it is prepared to assume that this aim can be relied on."*

"Il-Qorti ta' Strasbourg ghalhekk ma eskludietx li Kunsill Lokali jista' jagixxi ghal malafama bhala attur f'kawza f'certi kazijiet eccezzjonali. (Ara wkoll id-decizjoni Kostituzzjonali bejn l-istess partijiet tas-7 ta' Ottubru 2005). Fil-kaz Lombardo v. Malta l-Qorti ta' Strasbourg pero` fil-mertu sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni fuq il-bazi l-ohra li *"the use of the phrase in issue, referring to the Local Government's conduct, did not exceed the acceptable limits of criticism."*

"Kwantu ghall-aggravju li kritika lis-sindku mhux ekwivalenti ghall-kritika tal-Kunsill Lokali, il-Qorti hawnhekk taqbel ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appell li ma tistax' tizzvixxera l-imgieba ta' Sindku fil-qadi tad-doveri tieghu f'dik il-kwalita` rapprezentantiva tieghu ma' dik fil-veste personali tieghu.

"Fil-kaz in ezami, b'differenza mill-kaz ta' Lombardo quddiem il-Qorti ta' Strasbourg, din il-Qorti ghandha quddiemha l-kritika li qed issir oggezzjoni ghaliha, mhux ghax hija kritika diretta lejn il-Kunsill Lokali per se imma ghax hija diretta lejn il-persuna tas-sindku. Il-Qorti tal-Magistrati u tal-Appell sabu malafama fl-attribuzzjoni lancjata fil-konfront tieghu billi dina kienet tirrizulta ampjament mill-istess kontenut tal-fatti esposti fl-ittra inkriminanti.

"Il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk dwar il-malafama lancjata:

*""Illi ghalhekk in vista tas-suespost jirrizulta bic-car li l-konvenuti riedu tabilhaqq ihamgu il-gieh u reputazzjoni li kellu s-Sindku billi jimmalafamawh u jattribwulu fatti li ma kienux veri. Huwa veru li l-iskop pacifiku ewlieni ta' gazzetta hu li tippubblika informazzjoni u idejat fuq materja ta' interess pubbliku pero` dan ma jistax isir billi jinkiteb informazzjoni li tigi manipulata biex timmolesta dak li jkun kif gara f'dan il-kaz.*

*"Dwar l-eccezzjoni li dak li rapportat jammonta ghal-'fair comment', il-Qorti tirrileva fid-dawl ta' dak li gie rilevat aktar 'il fuq li l-fatti kif rapportati huma ghal kollox inveritjeri u ghalhekk ma jistghu qatt jammontaw ghal-'fair comment' u konsegwentement iz-zewg eccezzjonijiet qeghdin jigu michuda."*

"Din il-Qorti tifhem li bis-sentenzi imsemmija d-dritt tal-liberta` tal-espressjoni tar-rikorrenti gie ristrett izda dan sar billi hu *"prescribed by law"* u fil-kaz in ezami kien *"in pursuit of a legitimate aim", namely "the protection of the reputation of another".* (Artikolu 10)

“Illi fis-sentenzi msemmija ghalhekk kien hemm bazi legali ghar-restrizzjoni tad-dritt ghall-liberta` ta’ espressjoni billi r-rikorrenti mmalafamaw lill-intimati u ghalhekk kellha tigi protetta r-reputazzjoni tas-Sindku qua rapprezentant tal-Kunsill Lokali.

“Hu importanti li f’socjeta` demokratika jkun hemm bdil ta’ opinjonijiet u idejat izda daqstant hi importanti d-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi. Fil-kazijiet fejn il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun persuna pubblika l-Qorti "ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata” izda il-kritika trid dejjem tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri, li pero f’dan il-kaz ma rrizultax li kienu hekk.

“Jigi finalment rilevat li l-Qorti tal-Appell kienet hadet in konsiderazzjoni dan il-fatt ta’ kritika wiesa li tista’ ssir lill-persuni pubblici u fil-fatt kienet iddimezzat id-danni li r-rikorrenti kienu gew ikkundannati jhallsu. Izda l-fatt jibqa’ li malafama kien hemm, u ma setghax jigi attribwit lill-intimat li hu qarrieqi jew li tattribwielu fatti li ma kienux veri. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-kritika tar-rikorrenti kienet tmur oltre l-limitu permessibbli mil-ligi f’materja liberta` ta’ espressjoni kif hemm prevvist fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li s-sentenzi imsemmija ma vvjolawx id-dritt ta’ rikorrenti ghal-liberta` tal-espressjoni. Ir-restrizzjoni kienet intiza ghal skop legittimu u ma kienitx sproporzjonata imma necessarja ghad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.”

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-istess rikorrenti Lombardo u Zammit fit-23 ta’ Marzu 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“......tilqa’ t-talba tar-rikorrenti appellanti u tiddikjara li d-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni gie vjolat u billi tati

dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kunsill Lokali tal-Fgura tal-14 ta' April 2009 li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, issottomettiet illi:

"......l-ezercizzju maghmul mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fid-decizjoni taghha kien wiehed korrett u ekwu u li l-ebda dritt Kostituzzjonali u/jew Konvenzjonali ma gie lez lill-appellanti. Ghaldaqstant, jikkonsegwi illi d-decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza tad-9 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet premessi illi minnha gie intavolat l-odjern appell, hija wahd gusta u korretta u li timmerita li tigi konfermata *in toto* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat tal-appellanti fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza rizultat ta' proceduri ta' libell li l-Kunsill Lokali tal-Fgura fetah kontra r-rikorrenti odjerni peress li l-Kunsill hassu malafamat meta, f'ittra li r-rikorrent Mark Lombardo, Kunsillier fl-istess Kunsill, kiteb f'gurnal lokali, allega li s-Sindku, Anthony DeGiovanni fil-progett li nieda l-Kunsill ghal Triq Hompesch, Fgura, ried "iqarraq" bil-poplu tal-Fgura. Fil-proceduri ta' libell, kemm il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabu favur il-Kunsill, sabu li l-istess gie malafamat u r-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' €3,494.06 in linea ta' danni.

Ir-rikorrenti ressqu dawn il-proceduri ta' natura Kostituzzjonali li in forza taghhom qed jallegaw li gew miksura d-drittijiet fundamentali taghhom. Huma qed jilmentaw li sehh dan peress illi:

(1) Enti legali bhal ma hu l-Kunsill Lokali ma jistax jagixxi bhala attur f'kawza ta' libell;

(2) Malafama lis-Sindku ta' Kunsill ma tammontax ghal malafama lill-istess Kunsill;

(3) Ma saritx evalwazzjoni korretta tal-fatti ghal fini tal-kuncett ta' *fair comment*;

Dawn l-istess ilmenti kienu tressqu wkoll ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u gew minnha michuda fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 2008 (fl-atti tar-rikors numru 935/01). Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, f'dawn il-proceduri, ikkunsidrat l-istess ilmenti mil-lat Kostituzzjonali, u sabet li, kif sehhew l-affarijiet, ma jistax jinghad li gew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti u ressqu l-istess aggravji ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti qed jallegaw li d-decizjoni kontra taghhom tivvjola d-dritt taghhom ta' liberta` ta' espressjoni kif sancita fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ghal-liema artikolu l-ewwel Qorti ghamlet ampia referenza, u fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni.

Trattat issa l-ewwel aggravju tal-appellanti, din il-Qorti ma tarax li bil-fatt li gie deciz li organu tal-Gvern jista' jfittex ghall-malafama, dan b'xi mod jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. Kunsill Lokali, bhala organu tal-Gvern, hu

soggett ghall-kritika, izda b'daqshekk ma jfissirx li l-istess jista' jigi mghajjar u/jew insulentat. Fil-kritika li jircievi, Kunsill Lokali ghandu jkun miftugh ghall-aktar tolleranza minn persuna individwali li mhix involut fl-amministrazzjoni pubblika, pero`, xorta wahda ghandu jkun hemm limiti ghall-istess kritika. Din il-Qorti f'kawza precedenti bejn l-istess partijiet kienet osservat, fis-sentenza li tat fis-7 ta' Ottubru 2005 (fl-atti tar-rikors numru 1/04), li "bhala korp statutorju b'personalita` legali distinta, Kunsill Lokali jista' jimmalafama u anke jigi malafamat." Dak il-kaz kien spicca quddiem il-Qorti Ewropeja, tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dik il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-24 ta' April 2007, ma kienitx ikkritikatt din id-decizjoni ta' din il-Qorti izda osservat biss li bhala organu ufficjali hu mistenni li l-Kunsill juri *"a high degree of tolerance to criticism."* Dik il-Qorti ghamlet is-segwenti kummenti fil-konfront ta' proceduri ghall-malafama mressqa minn Kunsill Lokali.

*"The plaintiff in the defamation action was the Fgura Local Council. The Court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance (see* ***Lingens v. Austria****, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26 § 42,* ***Incal v. Turkey****, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV , p. 1567 § 54). Moreover, the limits of permissible criticism are wider still with regard to the government than in relation to a private citizen or even a politician. In a democratic system the actions or omissions of the Government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities but also of public opinion (see* ***Sener v. Turkey****, no. 26680/95, § 40, 18 July 2000). It follows that a local council, being an elected political body made up of persons mandated by their constituents, it should be expected to display a high degree of tolerance to criticism."*

L-ewwel aggravju, intiz bhala enuncjament ta' principju generali, ma jistax, allura jigi accettat.

Trattat issa t-tieni ilment, din il-Qorti tara li anke fil-kuntest ta’ dak li ghadu kemm intqal, l-appellanti ghandhom ragun. Il-kritika li saret mir-rikorrent Mark Lombardo ma kienitx diretta lejn il-Kunsill Lokali, izda lejn, skond hu, l-attitudni arroganti li kien qed jiehu s-Sindku ta’ dak iz-zmien ghall-progett in kwistjoni. Ir-rikorrent, li kien kunsillier fl-istess kunsill, f’ebda hin ma attakka lill-Kunsill innifsu li tieghu kien jifforma parti, izda lil persuna individwali fl-istess Kunsill. Il-kunsillier appellant ma riedx jikritika lill-Kunsill, li mexa legittimament fuq decizjoni li ha wara vot, izda il-*behaviour* tas-Sindku, li skond hu, wasal biex iqarraq bil-poplu tal-Fgura. Fl-ittra in kwistjoni, l-appellant, anzi qies li l-kunsill kien qed jimxi tajjeb fuq il-kaz, izda kien is-Sindku, “li kellu interess partiggjan”, li kien qed johloq ostakoli. Jekk dawn l-allegazzjonijiet humiex veritjeri jew le, mhux rilevanti ghal fini ta’ din il-kawza, izda zgur li jekk kien hemm “persuna” li setghet hassitha malafamata kienet is-Sindku u mhux il-Kunsill Lokali. Meta l-Qrati Ordinarji fis-smiegh tal-proceduri ta’ libell assimilaw kritika diretta lis-Sindku ma’ kritika lejn il-Kunsill Lokali, spostaw il-binari tal-kaz bi pregudizzju ghall-appellanti, li sabu ruhhom rinfaccjati b’akkuza li huma kienu telfu r-reputazzjoni mhux ta’ persuna biss, izda ta’ organu ufficjali shih.

Kif intqal qabel, persuna f’posizzjoni pubblika ghandha taccetta kritika ghall-ghemil taghha, u ghandha taccetta kritika li ma tkunx taqbel mal-fhemiet taghha. Meta, kif gara f’dan il-kaz, s-suggett ta’ din il-kritika jigi spostat, b’mod li issa r-reputazzjoni tal-Kunsill shih jigi mqieghed fid-diskussjoni, id-dritt fundamentali ta’ min ikkritika ghall-liberta` ta’ espressjoni jkun gie ppregudikat, ghax issa sab min qed jikkombatti mieghu mhux aktar il-persuna individwalizzata izda l-organu tal-istat, bl-awtorita` kollha li dan igorr warajh. Jekk issir din l-assimilazzjoni, ikun ifisser li dak li jkun ma jistax jikritika l-agir individwali ta’ ufficjal pubbliku minghajr ma jatakka l-Gvern li tieghu dak l-ufficjal jaghmel parti, u dan zgur jista’ jxekkel il-liberta` li wiehed ghandu jkollu li, minghajr ma jattakka lill-Gvern, jikritika l-mod kif ikun qed jimxi funzjonarju fuq *issue* partikolari. Ir-reputazzjoni li setghet kienet in ballo kienet

dik tas-Sindku, u mhux tal-Kunsill, u meta il-Qrati Ordinarji ghamlu tal-awtorita` l-agir ta' individwu, ippregudikaw bi kbir id-dritt tal-appellanti li, ferm restando l-fama u r-reputazzjoni tal-awtorita`, jikkritikaw lil dak li, skond huma, qed ifixkel l-hidma tal-awtorita`. L-akkuza ta' malafama m'ghandiex tigi "mkabbra" u maghmula aktar gravi, biex kritika lil ufficjal issir kritika lill-awtorita` governattiva kollha bhala entita`, meta dan ma kienx il-hsieb wara l-kritika.
Milhuqa, kwindi, din il-konkluzjoni, din il-Qorti ma tarax li ghandha tmur oltre u tiddiskuti t-tielet ilment tal-appellanti, li hu bazat aktar fuq l-apprezzament tal-fatti milli fuq xi haga ohra.

Din il-Qorti tara, ghalhekk, li kif svolgew l-affarijiet f'dan il-kaz, mill-proceduri li ttiehdu kontra l-appellanti mill-Kunsill Lokali tal-Fgura, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-istess appellanti, u bhala rimedju tqis li ordni ta' restituzzjoni tal-penali mhallsa u l-ispejjez relattivi tkun, fic-cirkostanzi, bizzejjed.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti Mark Lombardo u John Zammit, billi tilqa' l-istess u tiddikjara li bil-kundanna li saritilhom mill-Qrati Ordinarji, fil-konfront tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, u dan bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-28 ta' Marzu 2008 fl-atti tar-rikors 935/01 gie lez id-dritt fundamentali tal-imsemmija rikorrenti ghall-liberta` ta' espressjoni kif sancit fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, u bhala rimedju tordna li l-Kunsill Lokali tal-Fgura m'ghandux jircievi minghand ir-rikorrenti s-somma ta' €3,494.06, jew, jekk diga` rcevihom, huwa ghandu jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €3,494.06 kif ukoll ghandu jirrifondilhom l-ispejjez li r-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu kemm a rigward tas-sentenza ta' libell in prim istanza (cioe` dik tal-25 ta' April 2007) kif ukoll l-ispejjez tal-appell (cioe` dawk konnessi mas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2008).

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ta' natura Kostituzzjonali inkluzi dawk in Prim Istanza,

jithallsu terz ($^{1}/_{3}$) mir-rikorrenti appellanti u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellat Kunsill Lokali tal-Fgura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------